MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2014

Referenza Kostituzzjonali Numru. 37/2013

Mario **FALZON**

vs

**DIRETTUR ĠENERALI (DWANA)** u b'degriet tal-14 ta' Mejju, 2013, issejjaħ fil-kawża l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat il-provvediment tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013[1], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-talba magħmula mir-rikorrent f'rikors tiegħu tas-7 ta' Marzu, 2013, matul is-smigħ tal-kawża mibdija minnu kontra l-intimat Direttur Ġenerali (Dwana)[2], biex tqis il-"kwestjoni" kostituzzjonali ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali mqanqla minnu fl-imsemmi rikors. Fl-imsemmi lment tiegħu r-rikorrent jgħid li l-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana[3], safejn l-imsemmi artikolu jistipula l-konfiska tassattiva tal-vettura li fiha nstabu oġġetti li fuqhom allegatament ma kienx tħallas id-dazju, jiksirlu d-dritt tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni");

Rat it-Tweġiba mressqa fit-18 ta' Ġunju, 2013, mill-Avukat Ġenerali (li ssejjaħ fil-proċediment fl-istess degriet tal-14 ta' Mejju, 2013) u li biha laqa' għall-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent billi, b'mod preliminari, qal li r-rikorrent kien naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi. Fil-mertu, laqa' billi qal li d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li dwarhom

[1] Paġġ. 66 – 9 tal-atti tar-Rikors Nru. 919/11JRM
[2] Rik. Nru. 919/11JRM
[3] Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta

jilmenta r-rikorrent jaqgħu fil-qafas tal-eċċezzjonijiet li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jagħtu lill-Istat biex iwettaq dawk il-liġijiet li jkunu jidhru xierqa biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet, l-aktar fejn dawn ikunu l-konsegwenza ta' mġiba illeċita li l-persuna nnifisha ġġib b'idejha. Ċaħad li fil-każ partikolari, hemm xi nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-fatt tal-għemil tar-rikorrent u l-effetti li dak l-għemil ġab miegħu. B'mod partikolari, seħaq li l-valur ta' dazju li kellu jitħallas fuq is-sigaretti misjuba (tnax-il elf mija u sitta u sebgħin euro) jisboq il-valur tal-vettura maqbuda (tlitt elef u mitejn euro) u b'hekk ma hemm lanqas f'dan ir-rigward xi sproporzjon bi ħsara għar-rikorrent. Wara li tenna li r-rikorrent kien diġa' nstab ħati minn qorti kompetenti ta' ksur tal-istess Ordinanza f'okkażjoni oħra qabel din, żied jgħid li f'każ li din il-Qorti kellha tasal biex issib li hemm tabilħaqq ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni f'dan is-sens tkun biżżejjed bħala rimedju xieraq;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-intimati;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2013[4], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fit-3 ta' Frar, 2014[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fis-27 ta' Mejju, 2014[6], bi tweġiba għal dik tar-rikorrent;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

[4] Paġ. 28 tal-proċess
[5] Paġġ. 31 – 9 tal-proċess
[6] Paġġ. 44 sa 57 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża li matulha tqajmet il-"kwestjoni" kostituzzjonali;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Ġunju, 2014, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, qamet il-kwestjoni dwar jekk it-talba magħmula mid-Direttur intimat f'Nota ta' Qbid numru sittin tal-2011 (60/2011) dwar vettura tal-għamla *Mitsubishi L200 Truck* reġistrat HAO-694 fuq isem ir-rikorrent għat-tħaddim ta' diversi dispożizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza"), ġġibx magħha l-ksur tal-jedd fundamentali tal-istess rikorrent dwar iż-żamma paċifika ta' ħwejġu u l-ħarsien mit-teħid ta' ħwejġu mingħajr kumpens xieraq. Il-kwesjoni qamet waqt is-smigħ ta' kawża fejn ir-rikorrent ressaq talba għar-rilaxx tal-imsemmija vettura skond l-artikoli 72 u 73 tal-Ordinanza;

Illi għat-tqanqil tal-"kwestjoni" kostituzzjonali, l-intimat Direttur Ġenerali kien oppona fi Tweġiba li kien ressaq fl-20 ta' Marzu, 2013[7];

Illi l-imsejjaħ fil-kawża Avukat Ġenerali laqa' għall-ilment tar-rikorrent billi qal, b'mod preliminari, li r-rikorrent kien naqas li jinqeda bir-rimedji ordinarji li tagħtih il-liġi. Fil-mertu, laqa' billi qal li d-dispożizzjonijiet tal-

[7] Paġġ. 49 sa 51 tar-Rik. Nru. 919/11JRM

Ordinanza li dwarhom jilmenta r-rikorrent jaqgħu fil-qafas tal-eċċezzjonijiet li kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni jagħtu lill-Istat biex iwettaq dawk il-liġijiet li jkunu jidhru xierqa biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet, l-aktar fejn dawn ikunu l-konsegwenza ta' mġiba illeċita li l-persuna nnifisha ġġib b'idejha. Ċaħad li fil-każ partikolari, hemm xi nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-fatt tal-għemil tar-rikorrent u l-effetti li dak l-għemil ġab miegħu. B'mod partikolari, seħaq li l-valur ta' dazju li kellu jitħallas fuq is-sigaretti misjuba (tnax-il elf mija u sitta u sebgħin euro) jisboq il-valur tal-vettura maqbuda (tlitt elef u mitjen euro) u b'hekk ma hemm lanqas f'dan ir-rigward xi sproporzjon bi ħsara għar-rikorrent. Wara li tenna li r-rikorrent kien diġa' nstab ħati minn qorti kompetenti ta' ksur tal-istess Ordinanza f'okkażjoni oħra qabel din, żied jgħid li f'każ li din il-Qorti kellha tasal biex issib li hemm tabilħaqq ksur tal-jedd fundamentali tar-rikorrent, dikjarazzjoni f'dan is-sens tkun biżżejjed bħala rimedju xieraq;

Illi, fil-qosor, il-<u>fatti li jirrigwardaw il-kwestjoni</u> u li joħorġu mill-atti juru li fid-19 ta' Mejju, 2011, wara tagħrif li ngħata, saret tfittxija minn fizzjali tad-Dipartiment tad-Dwana u kif ukoll minn uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija f'dar fi Triq Bormla u f'remissa fi Triq il-Gardjola, fil-Fgura[8]. Waqt l-imsemmija tfittxija, kienet involuta vettura[9] – il-vann tar-rikorrent reġistrat HAO-694 – li fiha nstabu erbgħa u disgħin (94) pakkett tas-sigaretti, filwaqt li fir-remissa nstabu tlitt elef erba' mija u ħdax-il (3411) pakkett ta' sigaretti u xi kaxxi ta' xorb alkoħoliku li fuqhom ma kienx tħallas dazju[10]. Dak inhar, id-Direttur Ġenerali intimat qabad il-vettura tar-rikorrent ukoll[11]. Id-Direttur Ġenerali intimat ħareġ ukoll żewġ Noti ta' Qbid, waħda rigward is-sigaretti u x-xorb maqbuda[12] u l-oħra rigward il-vettura[13];

Illi b'riżultat ta' dik is-sejba, tnedew proċeduri kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li għadhom qegħdin jinstemgħu. Min-naħa

[8] Xhieda ta' Carmel Attard 4.10.2012, f'paġġ. 28 sa 32 tal-atti tar-Rik. 919/11JRM
[9] Xhieda tal-Ispetur Ian Abdilla 4.10.2012, f'paġġ. 33 – 6 tal-atti tar-Rik. 919/11JRM
[10] Ara Dokti "CA1" u "CA2" f'paġġ. 24 – 5 tal-atti tar-Rik. Nru. 919/11JRM
[11] Ara Dok "CA3", f'paġ. 27 tal-atti tar-Rik. Nru. 919/11JRM
[12] 59/2011, Dok "KD2", f'paġġ. 12 – 3 tal-atti tar-Rik. Nru. 919/11JRM
[13] 60/2011, Dok "KD1", f'paġ. 11 tal-atti tar-Rik. Nru. 919/11JRM

tiegħu, wara l-ħruġ tal-Ordni ta’ Qbid, ir-rikorrent fetaħ proċeduri quddiem din il-Qorti fit-22 ta’ Settembru, 2011, biex jitlob ir-rilaxx tal-vettura maqbuda;

Illi meta dik il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq, fit-3 ta’ Marzu, 2013, ir-rikorrent qajjem il-“kwestjoni” kostituzzjonali b’rikors u din il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu fil-provvediment tagħha tal-14 ta’ Mejju, 2013;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijet ta’ natura legali marbutin mal-kwestjoni mqajma mir-rikorrent irid jingħad li l-ilment jirrigwarda dispożizzjoni partikolari tal-Ordinanza, jiġifieri l-artikolu 68 tagħha. Matul it-trattazzjoni tal-għeluq, l-għaref difensur tar-rikorrent fisser li l-ilment tal-patroċinat tiegħu huwa limitat għall-aspett ta’ proporzjonalita’ tal-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi għall-każ partikolari tiegħu, u mhux ilment dwar il-kostituzzjonalita’ nnifisha tal-istess artikolu tal-liġi;

Illi f’kull każ, jixraq li wieħed jirreferi għall-imsemmija dispożizzjoni:

*“68. (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta’ ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta’ oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati: Iżda, ebda bastiment ma jkun suġġett għal konfiska taħt id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, jekk ma jkunx ta’ purtata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellata.*

*“(2) Għal dawk li huma bastimenti ta’ mitejn u ħamsin tunellata jew iżjed, il-Kummissarju, f’kull każ li fih, fil-fehma tiegħu, xi uffiċjal responsabbli ta’ dak il-bastiment ikun, b’egħmil jew bi traskuraġni, imdaħħal fil-fatt, jista’ jipproċedi bil-mod kif jingħad fl-artikolu 66, u bla ħsara tal-appell imsemmi f ’dak l-artikolu, għall-kundanna ta’ dak il-*

*bastiment f'somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000). U għal dan il-ħsieb, il-Kummissarju jista' jitlob, fil-każ ta' bastiment imsemmi f'dan is-subartikolu, li tiġi mqiegħda f'idejh somma ta' ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) b'kawtela tad-deċiżjoni li 'l quddiem tagħti l-qorti, u fin-nuqqas ta' dan id-depożitu, il-Kummissarju jista' jżomm dan il-bastiment.*

*"(3) M'hemm ebda jedd ta' azzjoni kontra l-Kummissarju għal danni ikkaġunati bil-ħlas tad-depożtu jew billi jkun inżamm il-bastiment taħt dan l-artikolu.*

*"(4) Il-kelmiet "uffiċjal responsabbli" f'dan l-artikolu jfissru l-kaptan, l-uffiċjali u l-inġinieri ta' bastiment, u fil-każ ta' bastiment awtorizzat għat-trasport ta' passiġġieri, il-purser jew iċ-chief steward.*

*"(5) Fil-kelma "traskuraġni" jidħlu l-każijiet li fihom oġġetti, mhux tan-nies tal-ekwipaġġ, jiġu misjuba f'post jew postijiet fejn bir-raġun ma kienx imisshom ġew imqiegħda kieku l-uffiċjali li jkollhom is-sorveljanza ta' dak il-post jew postijiet qagħdu attenti kif imiss, fiż-żmien tat-tagħbija tal-bastiment jew wara.*

*"(6) Il-kelma "purtata" tfisser it-tunnellaġġ nett ta' reġistru.*";

Illi fis-sewwa, ir-rikorrent jressaq l-ilment tiegħu dwar dak li jippreskrivi s-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu, ukoll minħabba l-fatt li l-każ tiegħu jirrigwarda vettura u mhux bastiment. Il-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li minkejja li, fir-rikors tiegħu biex titqajjem il-"kwestjoni" kostituzzjonali, ir-rikorrent qal li kien ġarrab kemm ksur tal-jedd tiegħu kif imħares taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fit-trattazzjoni tiegħu ma reġax semma dan l-artikolu, u kemm hu hekk, fi tmiem is-sottomissjonijiet miktuba tiegħu jsemmi biss l-artikolu relattiv tal-Konvenzjoni (l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll). Għalhekk, il-Qorti qiegħda tifhem li r-rikorrent ma għadux jinsisti aktar li l-artikolu 68(1) tal-Ordinanza jwassal fit-tħaddim

tiegħu għal xi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma hijiex sejra tistħarreġ l-ilment taħt il-Kostituzzjoni, imma biss taħt il-Konvenzjoni;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*.";

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni huwa usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli. L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu tal-ġid skond l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi,

kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[14] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[15]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

Illi l-Qorti tifhem li l-ilment li għandha quddiemha jitlob stħarriġ partikolari tal-*proviso* tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll (li jiġbor fih it-tielet regola mit-tlieta li ssemmew aktar qabel) u dan ladarba li l-kwestjoni tintrabat sewwa ma' dispożizzjoni ta' liġi fiskali li tippreskrivi sanzjoni punitiva b'riżultat ta' għemil li jikkostitwixxi reat: jiġifieri, l-evażjoni ta' ħlas erarjali. Dan jidher li jaqbel ukoll mat-tifsira mogħtija mill-Qorti ta' Strasbourg meta tqis li "*a confiscation measure, even though it does involve a deprivation of possessions, constitutes nevertheless control of the use of property within the meaning of the second paragraph of Article 1 of Protocol No. 1*"[16]. Fl-istess waqt, din il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li ma trid tgħaddi l-ebda ġudizzju fuq il-ħtija jew le tar-rikorrent mill-aspett kriminali: dik hija deċiżjoni li trid tittieħed mill-Qorti kompetenti li quddiemha għaddejjin proċeduri kontra r-rikorrent. Xogħol din il-Qorti huwa dak li tqis in-natura u t-tħaddim tal-artikolu 68 tal-Ordinanza fil-qafas tal-ilment speċifiku ta' ksur ta' jedd fundamentali mqajjem mir-rikorrent dwar dak l-artikolu. Fl-istess waqt, dan ikollha tagħmlu billi tqis

[14] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[15] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61
[16] Q.E.D.B. **4.9.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Riela et vs Italja*** (Applik. Nru. 52439/99) §1

iċ-ċirkostanzi fattwali u partikolari tal-każ li ssemmew aktar qabel tul din is-sentenza;

Illi fir-rigward tat-tielet regola, jidher li hemm qbil mill-awturi u l-ġuristi kompetenti li jgħidu li taħtha l-Istat jew l-awtoritajiet nazzjonali għandhom saħħa u setgħat diskrezzjonarji wiesa' ħafna biex joħolqu restrizzjonijiet fuq it-tgawdija minn persuna ta' ħwejjiġha, kemm f'dak li jirrigwarda t-teħid tal-pussess u wisq aktar f'dak li jirrigwarda l-indħil dwar dik it-tgawdija. Jidher ukoll (mill-kliem użat fl-istess artikolu tal-Konvenzjoni) li din it-tielet regola tgħodd bla ħsara għal dak li jipprovdu ż-żewġ regoli ta' qabilha (kif joħorġu mill-ewwel paragrafu tal-artikolu msemmi). Dan, madankollu, ma jfissirx lanqas li dik is-saħħa jew dawk is-setgħat ma għandhomx limiti jew ilġiem. Huma sewwasew l-aspett tal-interess ġenerali tal-komunita' flimkien mal-element tal-proporzjonalita' tal-miżura jew sanzjoni li joffru l-ħarsien tal-jedd kontra d-diskrezzjoni bla rażan tar-restrizzjonijiet fuq it-tgawdija;

Illi huwa aċċettat li "*as this provision is to be construed in the light of the general principle enunciated in the first sentence of the first paragraph, there must exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised. In striking the fair balance thereby required between the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights, the authorities enjoy a wide margin of appreciation. ... Generally speaking, the fair balance will be lacking where the applicant has to bear an individual and excessive burden. ... As concerns the 'general interest' aim of the interference, the Court, accepting a wide margin of appreciation, has stated that 'it will respect the legislature's judgement as to what is in the general interest unless that judgment be manifestly without reasonable foundation'. Thus, a wide variety of aims have been considered to be in the public interest ... Various factors may play a role in the proportionality test. The Court has, for example, on occasion*

*referred to the fact that avenues of judicial review of the contested measures had been available to the applicant*"[17];

Illi, b'żieda ma' dan kollu, fejn l-indħil huwa wieħed leġislativ maħsub biex "*jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni*", "*enforcement measures such as forfeiture, or even preventive measures such as seizure, have been examined for their compatibility with the second paragraph of Article 1*"[18]. Fost l-imsemmija miżuri, l-Qorti ta' Strasbourg stħarrġet każijiet ta' konfiska jew iż-żamma ta' ħwejjeġ maqbuda minn attivita' li kien maħsub li tinvolvi l-kuntrabandu[19], u ħwejjeġ miżmuma mill-awtoritajiet nazzjonali doganali dwar ħlas ta' dazju jew sisa. B'mod partikolari, għal dak li jirrigwarda l-element tal-proporzjonalita' tal-miżura meħuda, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*in order to be considered proportionate, the interference should correspond to the gravity of the infringement, namely the failure to comply with the declaration requirement, rather than to the gravity of any presumed infringement which had not however been actually established, such as an offence of money laundering or tax evasion. The amount confiscated was undoubtedly substantial for the applicant, for it represented the entirety of the proceeds from the sale of his late mother's home in Baku. On the other hand, the harm that the applicant might have caused to the authorities was minor: he had not avoided customs duties or any other levies or caused any other pecuniary damage to the State*"[20]. Mela, minn din is-silta joħroġ ukoll ċar li nuqqasijiet marbuta ma' ħlas ta' dazju joħolqu ħsara lill-Istat u b'hekk il-kejl tal-proporzjonalita' irid iqis ukoll tali gravita';

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrent imexxi 'l quddiem il-każ tiegħu fuq żewġ kawżali. Dawn il-kawżali jissemmew fir-rikors li bih fetaħ il-kawża bit-talba tiegħu għar-rilaxx tal-vann maqbud mid-Direttur intimat. Din il-Qorti trid tabilfors timxi mal-imsemmija kawżali, għaliex jekk ma tagħmilx hekk, tkun qieghda tibdel it-tqanqil tal-"kwestjoni"

---

[17] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4[th] Edit, 2006), § 17.5 .1, f'paġġ. 888 – 890
[18] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*op. Cit.*</u>, paġġ. 892 – 3
[19] Q.E.D.B. **24.10.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***AGOSI vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9118/80) § 60
[20] Q.E.D.B. **6.11.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Ismayilov vs Russja*** (Applik. Nru. 30352/03) § 38

kostituzzjonali f'eżerċizzju akkademiku biss. Iż-żewġ kawżali li jinqeda bihom ir-rikorrent huma: (a) li l-konfiska tal-vann tiegħu ma saritx skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza; u (b) li, ukoll kieku saret skond l-Ordinanza, hemm sproporzjon bejn il-valur tas-sigaretti li nstabu fih u l-valur tal-vann konfiskat;

Illi ta' min jgħid li l-artikolu 68(1) tal-Ordinanza jagħmel tassattiva l-konfiska tal-"bastimenti, vetturi jew mezz ieħor ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali jew ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom" fil-każijiet fejn oġġetti li jkunu suġġetti għall-ħlas ta' dazju li ma tħallasx jistgħu huma stess ikunu konfiskati. Dik id-dispożizzjoni tal-liġi ma ssemmi xejn dwar kemm imissu jkun il-valur tal-oġġetti li d-dazju fuqhom ma jkunx tħallas u lanqas ma ssemmi kriterji tal-valur tal-mezzi li fuqhom instabu jew inġarru dawk l-oġġetti. Isemmi, madankollu, li l-użu tal-mezz tal-ġarr biex iwassal għall-konfiska irid ikun "sar xjentement". Fi kliem ieħor, mezz ta' ġarr li jkun intuża għall-importazzjoni, ġarr, tiżmim, żbark jew ħabi ta' oġġett jew li fih jinstab oġġett li fuqu ma jkunx tħallas dazju jiġi konfiskat ikun kemm ikun jiswa l-oġġett maqbud u jkun kemm ikun id-dazju li ma tħallasx imbasta jintwera li l-użu ta' dak il-mezz ta' ġarr sar b'għarfien jew intenzjoni minn min inqeda bih, ukoll jekk ma kienx sid il-mezz innifsu. L-imsemmi artikolu 68 jagħmel parti minn dik it-Taqsima tal-Ordinanza[21] li tippreskrivi l-pwieni, n-natura tal-offiżi maħsuba fl-istess Ordinanza u l-mod kif jitmexxew il-proċeduri għall-ġbir tad-dazju u għalhekk jippreskrivi sanzjoni ta' natura penali. Minbarra dan, huwa stabilit li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 68 huma liġi speċjali li tmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali bħalma hu l-artikolu 23(1) tal-Kodiċi Kriminali[22];

Illi r-rikorrent iwarrab il-provi li ressqu l-intimati bħala eżerċizzju fieragħ w irrilevanti għas-soluzzjoni tal-"kwestjoni" mqanqla minnu. Huwa jgħid li x-xhieda mogħtija hija mibnija biss fuq suppożizzjonijiet, u dan għaliex jgħid li l-każ li qajjem jintrabat mal-element tan-nuqqas ta' għażla fl-artikolu 68 tal-Ordinanza dwar il-konfiska u l-element tal-proporzjonalita'

[21] Taqsima XII "Setgħat u Proċedimenti"
[22] App. Krim Inf. JGD **18.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph M. Salerno et***

bejn il-valur tal-oġġetti maqbuda u l-valur tal-meżż ta' trasport li fih instabu. Huwa jisħaq li l-kejl tal-proporzjon irid isir biss bejn il-valur tal-vann konfiskat u l-94 pakkett sigaretti li nstabu fih u mhux ukoll b'riferenza għall-oġġetti l-oħrajn li nstabu fir-remissa li hu mhuwiex sidha. Huwa jilminta wkoll mill-fatt li l-konfiska tal-meżż tal-ġarr hija sanzjoni stabilita mil-liġi flimkien, u mhux minflok, mal-multi li xorta waħda jkunu jridu jitħallsu dwar l-oġġetti li dwarhom ma jkunx tħallas id-dazju dovut;

Illi r-rikorrent jagħmilha ċara li huwa ma jilmentax mir-raġunijiet li għalihom il-leġislatur deherlu li kellu jdaħħal fis-seħħ l-artikolu 68 tal-Ordinanza u lanqas l-utilita' tiegħu f'soċjeta' demokratika jew il-ħtieġa tal-għan li għalih dik id-dispożizzjoni ddaħħlet fis-seħħ. Huwa jilminta kemm min-nuqqas ta' diskrezzjoni li dik id-dispożizzjoni tħalli lid-Direttur Ġenerali intimat u kif ukoll lill-Qorti f'xi stadju ieħor;

Illi b'tisħiħ tar-raġunament tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għal xi każijiet li tressqu quddiem il-Qorti ta' Strasbourg, b'mod partikolari fejn instab li ma nżammitx il-proporzjonalita' mixtieqa fejn, f'każ ta' reati ta' ġarr ta' flejjes minn pajjiż għal ieħor, is-sanzjoni kienet il-konfiska tas-somom involuti u l-kundanna għall-ħlas ta' multa b'żieda ma' dik il-konfiska[23];

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jistrieħu fuq il-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża u ta' din il-proċedura biex jargumentaw li r-rikorrent ma ġarrab l-ebda ksur ta' xi jedd fundamentali tiegħu. Jisħqu li dak li jilminta minnu r-rikorrent kien ġabu b'idejh u b'għajnejh miftuħa u li ma hemm l-ebda dubju li s-siwi tas-sanzjonijiet maħsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza joqogħdu sewwa ma' dak li jistabilixxi l-*proviso* tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni dwar l-interess ġenerali u l-ħarsien ta' min jimxi mal-liġi kontra min jagħżel li jisfidaha b'għemil illeċitu. Fuq kollox, l-intimati jaċċentwaw l-element ta' deterrent li l-imsemmi artikolu hu maħsub li jaħlaq biex persuna taħsiba sewwa qabel ma tidħol għal attivita' (il-kutrabandu) li tista' ġġibilha konsegwenzi serji jekk tinqabad. Jiċħdu wkoll, fil-każ partikolari, li r-rikorrent tabilħaqq ġarrab ksur ta' xi

[23] Ara, Q.E.D.B. **26.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Grifhorst vs Franza*** (Applik. Nru. 28336/02) §§ 31 – 2 u 94 – 105

jedd tiegħu fundamentali u jerġgħu jtennu li l-valur tal-ħwejjeġ li nstabu li fuqhom ma kienx tħallas id-dazju kien jaqbeż sewwa l-valur tal-vann li nqabad fl-istess ċirkostanzi;

Illi, minn dak li ngħad qabel, ma huwiex kontestat li r-rikorrent hu sid il-vann maqbud, u li fl-imsemmi vann instabu ħwejjeġ (pakketti ta' sigaretti) li fuqhom ma kienx tħallas dazju. Hemm qbil li l-valur tas-sigaretti li nstabu fil-vann u d-dazju, sisa, dazju tal-importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud fuqhom jitla' għal tliet mija u tnejn u tmenin euro u tmienja u sebgħin ċenteżmi (€ 382.78), kif ukoll hemm qbil li l-valur tal-vann maqbud hu ta' tlitt elef u mitejn euro (€ 3,200). Il-valur tal-ħwejjeġ l-oħrajn misjuba fir-remissa u d-dazju, is-sisa, dazju tal-importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud fuqhom hu ta' tlettax-il elf tmien mija u sitta u għoxrin euro u tnejn u tletin ċenteżmi (€ 13,826.32);

Illi wara li qieset b'reqqa l-argumenti taż-żewġ naħat, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li ma jirriżultax li r-rikorrent tabilħaqq ġarrab jew jista' jġarrab ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, partikolarment dwar l-aspett ta' sproporzjon tagħha. Din il-fehma waslet għaliha għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, għalkemm fir-rigward tad-Direttur intimat il-konfiska tal-vann hija tassattiva bla ma tħallilu diskrezzjoni, ma jistax jingħad l-istess għas-setgħat ta' qorti fit-tħaddim tal-imsemmi artikolu 68. Il-fatt li r-rikorrent innifsu nieda proċedura taħt l-artikolu 73 tal-istess Ordinanza jixhed li l-liġi nnifisha tagħti rimedju ta' stħarriġ u diskrezzjoni li jistgħu jwasslu biex, fi proċedura ta' natura ċivili, l-qbid ta' xi oġġett magħmul mid-Direttur intimat jista' jitwaqqa' billi l-Qorti tordna r-rilaxx ta' dak l-oġġett favur sidu, wara proċediment li fih sid il-ħaġa nnifsu jista' jagħtiha raġunijiet tajbin biex tagħżel li tagħmel dan[24]. Li kieku l-artikolu 68(1) kien tabilħaqq jorbot idejn kull qorti, il-proċedura mnedija mir-rikorrent kienet tkun biss waħda formali bla għoti ta' rimedju sostantiv, li ma huwiex il-każ[25]. Fit-tieni lok, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrent li l-kejl tal-proporzjonalita' jittieħed biss bejn il-

---

[24] Ara, b'eżempju, P.A. SM **5.12.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Żammit vs Kontrollur tad-Dwana et*** (appellata)
[25] Dan kien ukoll kriterju meqjus mill-Qorti ta' Strasbourg fil-każ AGOSI, msemmi aktar qabel, hi u tistħarreġ jekk kienx hemm ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni

valur tal-meżż tal-ġarr (bastiment, vettura jew bhima li tkun) u l-oġġetti żdazjati li jinsabu fih jew fuqu: tifsira bħal dik tal-liġi tkun qiegħda ġġib fix-xejn l-għan kollu li għalih il-leġislatur daħħal is-sanzjoni tal-artikolu 68 fil-qafas regolatur tal-liġi. L-argument tar-rikorrent iwassal ukoll għal konklużjonijiet xi ftit jew wisq assurdi, fis-sens li jekk x'ħin jinstabu l-oġġetti bla dazju dawn ikunu qrib jew ftit 'il barra mdawrin mal-meżż tal-ġarr imma mhux fih, l-meżż tal-ġarr ma jistax jitqies li kien intuża għall-ġarr, tiżmim jew ħabi tal-istess oġġetti. Dan kollu qiegħed jingħad lil hinn mill-kwestjoni ta' min irid jipprova li dak il-meżż ta' ġarr kellu x'jaqsam mal-importazzjoni, ġarr, tiżmim, ħabi jew żbark. Fit-tielet lok, il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-intimati fis-sens li l-għan tal-artikolu 68 huwa wkoll dak li jaħlaq deterrent għat-twettiq ta' reat. Biex deterrent ikun tabilħaqq effettiv, irid joqros fil-laħam il-ħaj u jwassal biex min ikun sejjer jagħmel xi ħaġa bi ksur tal-liġi jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmilha, imqar jekk minħabba l-biżgħa ta' dak li jista' jġarrab jekk jinqabad[26]. B'dan il-mod, id-deterrent jġorr minnu nnifsu element barra min-normal li r-rikorrent, f'dan il-każ tiegħu, iqisu bħala sproporzjonat. Madankollu, id-deterrent jiġi jgħodd biss jekk kemm-il darba xiħadd jaħbat difru mal-liġi: kien ikun xort'oħra kieku s-sanzjoni tal-konfiska maħsuba fl-artikolu 68 tal-Ordinanza kienet tgħodd ukoll għal min ma jkunx kiser il-liġi. Iżda din is-sanzjoni tgħodd biss għal min jikser il-liġi (u l-prova ta' dan trid issir minn min jallega l-ksur ta' dik il-liġi) u min jikser il-liġi qajla jista' jippretendi li jkun trattat bħallikieku l-liġi ma kisirhiex. Dan il-ħsieb jista' jintrabat mal-massima *nemo ex turpitudo eius oritur jus*;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti sejra tindirizza l-**eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imsejjaħ fil-proċedura l-Avukat Ġenerali. Huwa jgħid li din il-Qorti ma messhiex investiet il-"kwestjoni" mqajma mir-rikorrent ladarba dan kien qabel xejn naqas milli jinqeda bir-rimedji ordinarji li kienu disponibbli lilu. Il-Qorti baqgħet ma ratx x'kienu dawn ir-rimedji ordinarji li l-intimat jirreferi għalihom. X'aktarx qiegħed jirreferi għall-proċeduri nfushom li r-rikorrent nieda meta talab ir-rilaxx tal-vann;

[26] Ara Q.E.D.B. **5.7.2001**fil-kawża fl-ismijiet ***Phillips vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 41087/98) §§ 51 – 3

Illi jekk dan hu l-każ, l-eċċezzjoni u l-istedina li ġġib magħha ma jistgħux jintlaqgħu. Il-Qorti wriet il-fehma tagħha f'dan ir-rigward hi u tagħti d-degriet tagħha tal-14 ta' Mejju, 2013, meta laqgħet it-talba tar-rikorrent biex tistħarreġ il-"kwestjoni" kostituzzjonali. Li kieku rat li l-kwestjoni mqanqla kienet waħda fiergħa, ma kinitx tilqa' t-talba. Ladarba laqgħet it-talba tar-rikorrent, kien ikun kontro-sens li issa tgħid li sejra tagħżel li ma twettaqx is-setgħat "kostituzzjonali" tagħha biex tqisha. Fit-tieni lok, ma jridx jintesa li l-"kwestjoni" tqajmet matul is-smigħ tal-kawża mibdija mir-rikorrent – ir-rimedju ordinarju li għaliha jidher li qegħdin jalludu l-intimati – u allura ma jidhirx li huwa xieraq li wieħed l-ewwel jibqa' għaddej bil-kawża u mbagħad iqanqal il-"kwestjoni" kostituzzjonali;

Illi għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża ma hijiex tajba u ma jistħoqqilhiex tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dwar l-ilment imqajjem mir-rikorrent billi:

**Ma ssibx** li r-rikorrent ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija paċifika ta' ħwejġu taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, bil-fatt tal-konfiska tal-vettura, jiġifieri vann tal-għamla *Mitsubishi L200* reġistrat HAO-694, fin-Nota ta' Qbid numru 60/2011;

**Tastjeni** milli tqis l-istess ilment taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, ladarba r-rikorrent ma baqax jinsisti dwarhom; u

**Tordna** li r-rikorrent iħallas l-**ispejjeż** marbutin ma' din il-kwestjoni mqajma minnu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------